A.L. 314 ta' l-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

STATUT GĦALL-ISTITUT TAL-EDUKAZZJONI FIŻIKA U SPORT

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-Istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2) u 77(c) ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut għall-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u Sport.

STATUT GĦALL-ISTITUT TAL-EDUKAZZJONI FIŻIKA U SPORT

1. B'dan qiegħed jitwaqqaf l-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u Sport bħala istituzzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta.

2. L-Istitut għandu dawn l-iskopijiet:

   (a) li jipprovdi korsijiet li jwasslu għal ċertifikati, diplomi u gradi fl-Edukazzjoni Fiżika u Sport (bħal ix-Xjenza tal-Isport, il-Mediċina fl-Isport, l-i*Sport Managment*, il-Ġurnaliżmu fl-Isport) u korsijiet oħra relatati, skont l-Istatuti u r-Regolamenti tal-Università;

   (b) li jiċċertifika li korsijiet fl-Edukazzjoni Fiżika u Sport provduti minn istituzzjonijiet oħra, huma ta' livell aċċettabbli għall-Istitut;

   (c) li jagħmel riċerka kemm ta' natura monodixxiplinarja kif ukoll multidixxiplinarji, b'enfasi fuq l-Edukazzjoni Fiżika u Sport u suġġetti relatati;

   (d) li jorganizza konferenzi, *seminars* u laqgħat oħra fejn jiġu studjati suġġetti ta' interess dwar l-Edukazzjoni Fiżika u Sport;

(e) li jiżviluppa rabtiet nazzjonali u internazzjonali ma' istituzzjonijiet u universitajiet barranin tal-isport, speċjalment ma' dawk li jispeċjalizzaw fi studji relatati mal-Edukazzjoni Fiżika u Sport;

(f) li jaqdi l-ħtiġijiet tal-Fakultà tal-Edukazzjoni u fakultajiet u istituzzjonijiet oħra tal-Università fl-Edukazzjoni Fiżika u Sport;

(g) li jattira studenti barranin biex jistudjaw fl-Istitut taħt l-iskemi *Leonardo, Erasmus, Socrates* u *Youth Action Programme*;

(h) li jwettaq kwalunkwe attività oħra fl-oqsma tal-Edukazzjoni Fiżika u Sport f'kolloborazzjoni ma' agenziji kemm dawk governattivi u kif ukoll dawk mhux governattivi; u

(i) li jieħu dawk l-azzjonijiet anċillari kollha li jwasslu biex jintlaħqu l-iskopijiet imsemmija.

3. L-Istitut jitmexxa minn Bord li jkun magħmul kif ġej:

(i) *Chairman*: Ir-Rettur jew id-delegat tiegħu;
(ii) Viċi-*Chairman*: Id-Direttur tal-Istitut;
(iii) persuna maħtura mill-Kunsill tal-Università;
(iv) persuna maħtura mis-Senat tal-Università;
(v) żewġ rappreżentanti tal-istaff akkademiku li jgħallmu fl-Istitut;
(vi) żewġ rappreżentanti tal-istudenti rreġistrati fl-Istitut;
(vii) membru maħtur mill-Ministru responsabbli għall-Isport; u
(viii) membru maħtur mill-Kunsill Malti għall-Isport.

Ir-Reġistratur jew id-delegat tiegħu jservi bħala s-Segretarju tal-Bord.

4. Il-membri kollha tal-Bord, għajr dawk li huma maħtura *ex officio*, jinħatru għal perijodu ta' sena, li jista' jiġi mġedded sa erba' snin. Membru li jirtira hu eliġibbli li jerġa' jinħatar.

5. Id-dmirijiet tal-Bord ikunu dawn li ġejjin:

(a) li jmexxi l-affarijiet tal-Istitut, skond il-provvedimenti ta' dawn l-istatuti u ta' dawk ir-regolamenti, deċiżjonijiet jew direzzjonijiet, kif approvati mill-Kunsill u mis-Senat minn żmien għal żmien;

(b) li jiddeċiedi l-politika tal-Istitut, jissorvelja l-attivitajiet u l-amministrazzjoni tiegħu u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità li ssemmiet qabel, il-Bord jista':

(i) japprova *business plans* u l-estimi annwali tad-dħul u l-ħruġ tal-Istitut għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill;

(ii) bi qbil bil-miktub mar-Rettur jagħmel ftehim ma' terzi persuni biex jagħtu fondi lill-Istitut jew għall-attivitajiet partikulari;

(iii) jippubblika rapport annwali;

(iv) jirreġistra lill-Istitut f'assoċjazzjonijiet jew f'istituzzjonijiet li għandhom l-istess għanijiet u interessi;

(v) jipproponi Regolamenti u Ordinamenti lis-Senat;

(vi) jeżiġi mill-membri tal-istaff tal-Istitut il-produzzjoni ta' rapporti fuq materji akkademiċi, li jinkludu l-kurrikulu ta' korsijiet ta' studju, il-kwalifiki għad-dħul f'korsijiet, eżamijiet u ċertifikati ta' attendenza jew kwalifika;

(vii) jirrakkmanda lill-Kunsill il-ħolqien jew l-abolizzjoni ta' postijiet akkademiċi u mhux akkademiċi fl-Istitut; u

(viii) jipproponi għall-approvazzjoni tas-Senat, Bordijiet ta' Studju u ta' Eżaminaturi għall-korsijiet li jwasslu għal grad jew diploma.

6. L-Istitut jkollu Direttur u *Staff*:

(a) id-Direttur jinħatar minn fost l-istaff akkademiku tal-Università mill-Kunsill għal perijodu ta' sena, bil-possibilità li l-ħatra tiġġedded kull sena skont kriterji stabiliti ta' ħiliet, il-ħtiġijiet tal-Istitut u tal-Università, għal perijodu li ma jeċċedix l-erba' (4) snin; u

(b) l-istaff fl-Istitut jinħatar mill-Università skont in-normi stabbiliti.

7. Id-dmirijiet tal-Viċi-*Chairman*/Direttur huma li:

(a) jippromovi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi kurrikulari u ta' riċerka
fl-Istitut;

(b) jiġbor u jissottometti lir-Reġistratur tal-Università sa mhux aktar tard minn Jannar ta' kull sena akkademika, prospektus komprensiv aġġornat bid-deskrizzjoni tal-kontenut tat-taqsimiet-studju kurrenti u dawk proġettati offruti

mill-membri fl-Istitut skont il-linji-gwida stabbiliti mill-Kumitat għall-Validazzjoni tal-Programmi;

(c) jiżgura li t-taqsimiet-studju offruti mill-membri tal-istaff fl-Istitut huma mogħtija skont il-programm tal-istudji kif irreklamat; id-Direttur għandu jiżgura li l-għalliema, li jaqgħu taħt l-awtorità tiegħu, jagħtu l-*lectures*, is-*seminars* u t-*tutorials* kollha kif assenjat lilhom rispettivament, fil-ħin u fil-post kif indikat fuq it-*time-table* uffiċjali, u li kull tibdil ikun reġistrat formalment u li l-istudenti jkunu infurmati fil-ħin;

(d) jiżviluppa u jimplimenta l-pjan strateġiku tal-Istitut;

(e) jamministra l-Istitut b'konsultazzjoni sħiħa mal-membri tiegħu; jimmonitorja u japprova talbiet għal *leave of absence* mill-membri tal-Istitut. Id-Direttur hu mistenni li jżomm reġistru tal-*leave* kollu tal-membri u jgħaddi, meta mitlub, din l-informazzjoni lid-Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani;

(f) jippromovi l-bżonnijiet akkademiċi u personali tal-istudenti, sabiex l-istudenti jingħataw l-aqwa sapport f'każ li jiltaqgħu ma' diffikultajiet matul l-istudji tagħhom relatati mal-attivitajiet fl-Istitut;

(g) jimmonitorja t-tmexxija ta' testijiet u eżamijiet fl-Istitut u jiżgura li r-riżultati kollha tal-valutazzjonijiet u tal-eżamijiet jiġu sottomessi fl-Uffiċċju tar-Reġistratur kif ġej:

- is-sessjoni ta' Jannar – sal-aħħar ta' Marzu;
- is-sessjoni ta' Mejju/Ġunju – ir-riżultati tal-Aħħar Sena mhux aktar tard minn jumejn qabel jitlaqqa' l-Bord għall-Klassifikazzjoni li jsir fl-aħħar sena iżda, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-aħħar ta' Lulju; riżultati oħra għandhom jaslu kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard mill-aħħar ta' Lulju;
- is-sessjoni ta' Settembru – sal-aħħar ta' Settembru.

(h) jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-kooperazzjoni ma' universitajiet u istituzzjonijiet oħra;

(i) isejjaħ u jmexxi (minflok ir-Rettur) laqgħat tal-Bord tal-Istitut u jiżgura li tittieħed azzjoni biex jiġi attwat dak li jkun ġie deċiż;

(j) jiżgura u jiffaċilita l-iżvilupp u t-taħriġ tal-istaff akkademiku u dak mhux akkademiku;

(k) jipparteċipa fi kwalunkwe laqgħa tal-Università li hi marbuta mal-kariga tiegħu;

(l) jirrapreżenta lill-Istitut f'funzjonijiet uffiċjali tal-Università;

(m) jikkompila u jissottometti rapport annwali lis-Segretarju tal-Università sal-aħħar ta' Settembru ta' kull sena akkademika. F'dan ir-rapport għandu jingħata tagħrif dwar l-attivitajiet li saru fl-Istitut fis-sena li tkun għaddiet u għandu jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni li tista' tintalab mis-Segretarju bħal lista komprensiva ta' pubblikazzjonijiet riċenti tal-membri kollha tal-Istitut; ġabra fil-qosor tal-proġetti li fihom huma involuti membri tal-Istitut, li huma finanzjati kollha jew parzjalment minn barra; lista sħiħa tal-konferenzi/*seminars*/laqgħat li l-membri attendew barra minn Malta, fi żmien it-*term*; u tagħrif ġenerali dwar il-kollaborazzjoni tal-Istitut ma' terzi persuni li jinkludi l-industrija lokali, il-Gvern jew is-soċjeta' ċivili in ġenerali;

(n) jikkompila u jissottometti lid-Direttur tal-Finanzi tal-Università mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju ta' kull sena akkademika, l-estimi għall-baġitt finanzjarju għas-sena li jmiss. Dan ikun jinkludi l-ħtiġijiet dwar riżorsi umani għall-Istitut, li jkopri tagħlim, riċerka u xogħol amministrattiv proġettat għall-Istitut u bbażat fuq ix-xogħol proġettat ta' kull Akkademiku Residenti tal-Istitut u tal-*Visiting Teaching Staff*;

(o) jimmonitorja l-eżekuzzjoni tax-xogħol tal-istaff mhux akkademiku msieħeb mal-Istitut;

(p) jawtorizza lill-Istitut il-ksib ta' apparat; jiżgura li r-riżorsi assenjati lill-Istitut – kemm jekk umani kif ukoll oħrajn - jiġu utilizzati b'mod sħiħ u effiċjenti;

(q) iwettaq dawk id-dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Università minn żmien għal żmien.

8. Minbarra dan, id-Direttur:

(a) għandu jirrapporta direttament lill-*Chairman* tal-Bord tal-Istitut u għandu jikkollabora mal-uffiċjali amministrattivi anzjani kollha tal-Università;

(b) għandu jkun normalment Akkademiku Residenti impjegat mal-Università fuq bażi *full-time* matul iż-żmien li jokkupa l-ħatra ta' Direttur. F'każ li l-Istitut hu impenjat bi programmi ta' studju mgħallma u li jwasslu għar-rikonoxximent sal-ewwel grad jew wara l-ewwel grad, id-Direttur għandu jkun impjegat mal-Università bħala Akkademiku Residenti fuq bażi *full-time*;

(c) m'għandux jimpenja ruħu fi kwalunkwe attivita' barra mill-Università li tista' tkun f'konflitt, jew ittellfu, mid-dmirijiet tiegħu fl-Università;

(d) hu mistenni li jkun preżenti fuq il-kampus jew kwalunkwe sît indikat mill-Università ta' Malta għallinqas fil-ħinijiet normali tal-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul is-sena skont l-esiġenzi tal-akkademiku u inkonformi mal-prattiċi u l-ħtiġijiet tal-Università u bid-dritt għall-*leave* normali u għall-festi pubbliċi kif provdut fil-liġi; jekk in-nuqqas tiegħu hu meħtieġ u ġustifikat, hu għandu jiżgura li wieħed jista' jikkuntattja miegħu permezz tas-segretarjat tal-Istitut;

(e) m'għandux jgħaddi informazzjoni lil terzi persuni li mhumiex assoċjati mal-Università ta' Malta, dwar kwalunkwe xogħol jew *data* li jkollha x'taqsam ma' xogħlijiet li qegħdin isiru fl-Università ta' Malta mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Università ta' Malta; kull xogħol li jkun qed isir fl-Istitut għandu jsir fid-dawl tal-leġislazzjoni Maltija dwar il-ħarsien tad-*data*;

(f) għandu jintrabat bl-istatuti, bir-regolamenti u bil-politika tal-Università ta' Malta, li huma fis-seħħ jew li jsiru effettivi fi żmien il-ħatra tiegħu.

9. Id-Direttur tal-Finanzi tal-Università jkun t-Teżorier tal-Istitut.